MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 179/2015

**Velprint Limited**
**C 8445**

**Vs**

**L'Agora Malta Limited**
**C 66246**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi tghid is-socjeta' konvenuta il-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux jikkundanna ha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tletin ewro u hamsin centezmu (€630.50) rapprezentanti bilanc dovut servizz ta' stampar ordnati mis-socjeta' konvenuta u konsenjata lill-istess mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja mibghuta lis-socjeta' intimata, u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-28 ta' April, 2015 u qas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-28 ta' April, 2015 u filfatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta' sitt mija u tletin ewro u hamsin centezmu (€630.50) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez komprizi tal-ittra bonarja, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------